MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 346/2010

**Joseph Dennis Caruana
(ID 708746M)**

**vs**

**Colin Pell u martu Rita Pell
(ID 9555A u ID 9554A)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors tar-rikorrent ippresentat fit 28 ta' Settembru 2010 fejn huwa ghamel referenza ghal kuntratt ta' self iffirmat bejn l-intimati u Lawrence Caruana, li tieghu r-rikorrent huwa l-eredi, u li abbazi tieghu l-intimati ghad fadalhhom ihallsu lill-Lawrence Caruana, u ghalhekk lir-rikorrenti bhala l-eredi tieghu, is-somma ta' ghaxart elef, sitt mija u erbgha u erbghin Euro u erbghin centezmu

(€10,644.40) flimkien mal-imghax bis-sitta fil mija (6%) mill 25 ta' Settembru 2010 sad-data tal-pagamenti effettic.

Rat illi l-intimati, permezz ta' risposta ippresentata fit 30 ta' Novembru 2010, laqghu ghal dak lilhom addebitat billi, fl-ewwel lok, sahqu li r-rikorrent kelu jipprova ili huwa attwalment l-eredi, filwaqt illi, dwar il-meritu, eccepew illi huma hallsu kull ma kellhom ihallsu.

Rat illi, fit 30 ta' Marzu 2011, xehed **Dave Alan Caruana**, iben ir-rikorrent, li ppresenta dokumentazzjoni minnu redatta illi turi kull pagament illi kienu ghamlu l-intimati u kemm kien fadal bilanc wara li jitnaqqsu l-pagamenti kollha minnhom maghmulha.

Rat illi fit-30 ta' Marzu 2011, xehed ukoll ir-rikorrenti **Joseph Dennis Caruana**, li esebitxxa dokumentazzjoni illi juru li r-rikorrent kien wiret il-flejjes kollha li kellu huh Lawrence Caruana kif ukoll esebixxa il-kuntratt datat 25 ta' Frar tas-sena elfejn (2000) fejn il-konvenuti kienu ssellfu l-ammont ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000), li kellhom jithallsu permezz ta' pagamenti rateali ta' mitjen u hamsin lira fix-xahar sa zmien ghaxar snin mill-iffirmar tal-kuntratt, bl-interessi ta' sitta fil-mija (6%).

Ra illi fl 4 ta' Novembru 2011, l-intimati ippresentaw l-affidavit ta' **Colin Pell** u ta' **Rita Pell** flimkien ma' dokumentazzjoni li turi illi huma kienu ghamlu mija u sbatax-il (117) pagamenti ta' hames mitt lira sterlina il-wahda, skond kif miftiehem, kif ukoll rapport redatt minn accountant minnhom imqabbad, ossija Sandro Grech, illi wera li, bil-pagamenti illi huma kienu ghamlu mill-10 ta' Jannar 2000 sal 10 ta' Dicembru 2009, huma kien ghad fadallhom bilanc ta' hamest elef, mija u tnejn u tletin euro

u disghin centezmu (€5,132.90) li kien dovut lill Lawrence Caruana u l-eredi tieghu (vide fol 94).

Semghet ix-xhieda u kontro ezami tal espert ex parte tal-intimati **Sandro Grech** jixhed fit 18 ta’ Novembru 2011 fejn huwa stqarr illi r-rapport fuq imsemmi gie imhejji minnu fuq informazzjoni illi kien inghata li l-ftehim kien li l-intimati ihallsu lill-Lawrence Caruana mija u ghoxrin pagament ta’ hames mitt lira sterlina ‘l wahda. Huwa stqarr illi qatt ma ra il-ftehim originali izda strah biss fuq dak li qalulu peress illi qalulu li tali ftehim kien verbali u qatt ma kien jaf li kellu jkun hemm pagamenti rateali ta’ mitejn u hamsin Liri Maltin.

L-istess espert, filwaqt illi reggha ikkonferma li skond ir-rapport originalment minnu imhejji u ppresentat mill-intimati, huwa kien stqarr li l-intimati kellhom jaghtu lir-rikorrenti is-somma ta’ €5,132.90, stqarr illi dana ir-rapport kien redatt fuq rati ta’ kambju mill-lira sterlina ghal dik Maltija jew l-Euro li jvarjaw maz-zmien. Huwa imbghad ippresenta rapport iehor, fejn, din id-darba, applika r-rata tal-kambju vigenti meta gie iffirmat il-ftehim, ossija ir-rata tal-kambju bejn il-lira sterlina u dik Maltija li kienet tesisti dak iz-zmien, u, wara li applika tali rata b’mod fissa, seta jikkontstata illi l-intimati kienu hallsu €3,902.83 aktar milli suppost (vide fol 105).

Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta’ **John Pell** moghtija fit 8 ta’ Frar 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ **Joseph Dennis Caruana** u **David Alan Caruana** moghtija fis 27 ta’ April 2012 in kontro ezami u rat id-dokumentazzjoni minnhom esebiti, fosthom rapport iehor dwar kif saru il-pagamenti, redatt mill-espert ex parte taghhom Joseph Zammit, illi kien juri li fil 25 ta’

Novembru 2009, il-bilanc dovut kien ta’ ghaxart elef, sitt mija u tmienja u disghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€10,698.65) (vide fol 118).

Semghet ix-xhieda ta’ **Joseph Azzopardi**, espert ex parte imqabbad mir-rikorrent, li stqarr illi l-problema kollha illi tesisti hija dovuta ghal fatt illi filwaqt li l-intimati kienu qed jishqu li l-pagamenti kollha kellhom isiru fil lira sterlina, il-kuntratt juri li l-pagamenti kellhom isiru fil-valuta tal-lira Maltija. Apparti minn hekk, jidher illi l-valur tal-iskambju tal-lira sterlina l-ewwel kontra il-Lira Maltija u, eventwalment kontra l-Euro wara illi Malta dahhlet fiz-zona Euro, baghtiet fil-valutazzjoni taghha b’mod illi l-intimati kienu qed ihallsu anqas minn dak dovut.

Regghet semghet lix-xhud ex parte tal-intimati **Sandro Grech** li xehed fit 3 ta’ Dicembru 2012 li ppresenta zewgt rapporti ohra, abbazi tal-kummenti illi kien ghamel l-espert ex parte tar-rikorrenti. Fl-ewwel rapport, immarkat Dok SG3 a fol 137 tal-process, jidher li meta wiehed jikkalkola l-ammont misluf f’lira sterlina, jirrizulta li wara l-pagamenti li saru, l-intimati ikunu gew hallsu elf, sitt mija u tnejn u sittin Euro u tmienja u tletin centezmu (€1,662.38) aktar milli suppost. Fit-tieni rapport, indikat bhala Dok SG4 a fol 140 tal-process, jidher li meta wiehed jikkalkula l-ammont misluf f’liri Maltin, jirrizulta li, wara il-pagamenti kollha li ghamlu, l-intimati, sal 10 ta’ Novembru 2009 kien ghad fadallhom ihallsu s-somma ta’ tmint elef, mija u zewgt Euros, u wiehed u hamsin centezmu (€8,102.51). Huwa stqarr ukoll illi dahhal certi pagamenti li saru fil-bidu izda li ma gewx ikkonsiderati mir-rikorrenti.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partjiet illi saret fit 3 ta’ Dicembru 2012, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-kwistjoni kollha illi jidher li hemm bejn il-partijiet, ghajr ghal jekk sarx xi pagament wiehed qabel ma gie ffirmat il-kuntratt jew le, huwa jekk attwalment il-pagamenti kellhomx isiru f'Lira Sterlina jew f'Lira Maltija.

Dana qieghed jinghad ghax, skond ma jghidu l-intimati, Lawrence Caruana, li tieghu r-rikorrenti huwa l-eredi, kien ftiehem maghhom illi jaghmlu mija u ghoxrin pagament ta' hames mitt Lira Sterlina sabiex jissaldaw id-debitu. Madanakollu, ta' dana kollu, l-intimati ma ghandhom ebda ftehim bil-miktub, salv ghal ittra allegatament dattilografata minn Lawrence Caruana u datata 10 ta' Dicembru 1999 mibghuta mill-intimat lill Bank tieghu gewwa l-Ingilterra fejn il-Bank inghata struzzjonjiet jibda jiddeposita pagamenti ta' hames mitt Lira Sterlina fix-xahar fil-kont ta' Lawrence Caruana b'effett mill 10 ta' Frar tas-sena elfejn (fol 107).

Illi, minn naha l-ohra, r-rikorrenti jishqu illi, a tenur tal-ftehim iffirmat bejn l-intimati u Lawrence Caruana quddiem in-Nutar Marica Buttigieg Sciberras fil 25 ta' Frar 2000, l-intimati kienu inghataw self ta' tletin elf Liri Maltin illi kellhom jintraddu lura permezz ta' pagamenti rateali ta' Lm250 fix-xahar, bl-imghax ta' sitta fil-mija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tosserva illi fil-kaz in ezami, il-problemi li dina l-Qorti trid tezamina huma jekk is-self kellhux jithallas permezz ta' 120 pagament ta' hames mitt Lira Sterlina kif jghidu l-intimati jew jekk kellux jithallas f'valuta Maltija, u,

f'kaz li kellu jithallas fi valuta Maltija, kemm attwalment jonqos bilanc, in vista tal-varjazzjoni ta' figuri moghtija lilha mid-dversi partjiet u esperti f'din il-kawza.

Dwar kif kellu jithallas is-self, il-Qorti ma tistax hlief li tistrieh fuq l-unika dokument pubbliku illi gie ppresentat lill dina l-Qorti, ossija il-kuntratt ta' self li sar fil 25 ta' Frar 2000, quddiem in-Nutar Buttigieg Sciberras, fejn jidher car illi s-self kien f'valuta Maltija, ossija ta' Lm30,000, u il-pagamenti kellhom isiru ratealment f'valuta Maltija, ossija mitejn u hamsin Lira fix-xahar.

Il-fatt illi l-intimati jaghmlu referenza ghal ittra li allegatament giet dattilografata minn Lawrence Caruana, il-persuna li kien tahom is-self u li tieghu r-rikorrenti huwa l-werriet, sabiex jiggustifikaw li attwalment kien hemm ftehim li jsiru 120 pagament ta' hames mitt Lira Sterlina, ma hijiex bizzejjed biex teghleb dak stipulat fil-kuntratt pubbliku. Tali ittra hija indikattiva tal fatt illi l-partijiet kienu, informalment, laqhqu ftehim ta' praticita' dwar kif kellhom isiru l-pagamenti, anke tenut kont tal-vicinanza illi kien hemm fir-relazzzjoni bejn l-intimati u Lawrence Caruana, liema ftehim kien aktar wiehed ta' kif setghu jithallsu l-flejjes minghajr il-partijiet ma jinkorru spejjez intuili, tenut kont tal-fatt illi l-intimat kellu l-flejjes tieghu mibghuta lilu fil-kontijiet tieghu gewwa l-Ingilterra, u certament ma kienx ftehim illi seta b' xi mod ivarja il-modalita' tal-pagament kif stabbilit fil-kuntratt pubbliku tal 25 ta' Frar 2000.

La darba giet sorvolata dina l-kwistjoni, il-Qorti trid tghaddi biex tiddeciedi kemm attwalment huwa dovut lir-rikorrent, bhala werriet ta' Lawrence Caruana.

Il-Qorti ma tistax, f'dana l-istadji, ma tinnutax illi tul il-procedimenti, inghata sitt verzjonijiet differenti dwar kemm kellhom jinghataw flus.

David Alan Caruana, iben ir-rikorrent, fid-dokument minnu esebit a fol 12 jghid illi sa Settembru 2010 huma ghandhom ihallsu €10,644.40.

Sussegwentement, f'rapport redatt minn Sandro Grech ghall-intimati fit 13 ta' Lulju 2011, huwa kkonkluda, kif jidher a fol 94 tal-process, li attwalment l-ammont dovut mill-intimati kien ta' €5,132.90.

Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti fit 18 ta' Novembru 2011, huwa ippresenta rapport iehor, a fol 103 tal-process, li jghid illi, din id-darba, l-intimati ghandhom jiehdu lura €3,982.83 bhala flejjes zejda minnhom imhallsa.

Ir-rikorrenti imbghad ippresnetaw rapport ta' Joseph Azzopardi, li imbghad xehed fl-4 ta' Gunju 2012, fejn sahaq li sal 25 ta' Novembru 2009, kien jidher li l-intimati kellhom ihallsu is-somma ta' €10,689.65, kif jidher a fol 118.

Finalment, fit 3 ta' Dicembru 2012, reggha xehed Sandro Grech li ippresenta zewgt rapporti, fejn f'wiehed minnhom, jghid illi l-intimati ghandhom jiehdu lura l-ammont ta' €1,662.38, liema dokument huwa a fol 139, filwaqt illi f'rapport iehor, jghid illi l-intimati, sal 10 ta' Novembru 2009, ghandhom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' €8,102.31.

**Ikkunsidrat**

Wara illi studjat bir-reqqa ir-rapporti varji tal-esperti esebiti, il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi r-rapport l-aktar li jirifletti kemm attwalment huwa dovut mill-intimati lir-rikorrenti huwa l-ahhar wiehed redatt milll-espert ta' l-istess intimati, ossija dak immarkat Dok SG4 a fol 140 sa 142 tal-process, peress illi tali rapport huwa rizultat ta' tibdiliet illi ghamel l-istess Sandro Grech wara illi ra ix-xhieda ta' espert iehor bhalu, Joseph Azzopardi, u wara illi ha konjizzjoni tal-ftehim attwalment milhuq bejn l-intimati u Lawrence Caruana, liema ftehim huwa ma kienx jaf dwaru qabel ma deher il-Qorti jixhed.

Illi ghalhekk, jidher illi, skond ir-rapport ta' Sandro Grech, wara l-ahhar pagament illi l-intimati ghamlu f'Novembru 2009, liema pagament kien ikkonfermat bhala l-ahhar wiehed minn Colin Pell (vide fol 111), kien ghad fadal bilanc favur Lawrence Caruana u l-eredi tieghu ta' tmien elef, mija u zewgt Euros, u wiehed u hamsin centezmu (€8,102.51). Fuq tali bilanc imbghad kellu jidekorri l-imghax ta' sitta fil-mija skond il-ftehim.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda prodotta,

Wara illi fliet bir-reqqa id-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet u l-esperti taghhom,

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi billi,

**Tichad** l-ewwel eccezzjoni, in kwantu gie ippruvat li r-rikorrent huwa l-eredi tal-mejjet Lawrence Caruana, u

**Tichad** it-tieni eccezzjoni tal-intimati in kwantu ma huwiex minnu li ma ghandhomx ihallsu flejjes lir-rikorrenti u

**Tilqa'** t-talba attrici limitatament fis-sens illi tiddikjara illi l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' tmint elef, mija u zewgt Euros u wiehed u hamsin centezmu (€8,102.51), liema somma kienet minnhom dovuta mill 10 ta' Novembru 2009, data meta l-intimati ghamlu l-ahhar pagament lir-rikorrent u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimati ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' tmint elef, mija u zewgt Euros u wiehed u hamsin centezmu (€8,102.51) bl-imghax kalkolabbli bir-rata ta' sitta fil-mija mill 10 ta' Novembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

In vista tan-natura tal-kaz, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------